MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2003

Numru 711/2003

**Artikoli 261, 267, 279, 280 tal-Kap 9 u artikolu 7 tal-Kap 446**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**JONATHAN JOSEPH BRIFFA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JONATHAN JOSEPH BRIFFA** ta' ghoxrin sena bin Ganni Scriha u Mary Briffa nee Marsh, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1983 u li joqghod 3, Marlene Flats, Triq Testaferrata, Gzira, detentur tal-karta

tal-identita` numru 349183M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003 bejn is-saghtejn w s-sitta ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' arlogg tal-marka Pierre Balmain u nuccali tax-xemx mill-*pool area* tal-Hilton Hotel ghad-dannu ta' Gabriella Schrieber ta' nazzjonalita Svediza, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kap 446 imposti fqu mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar s-sittax ta' Awissu 2003 meta nstab hati ta' serq aggravat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 261, 267, 279, 280 tal-Kap 9 u artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat JONATHAN JOSEPH BRIFFA hati tal-akkluzi kif addebitati lilu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan b'zieda ai termini tal-artikolu 28(g)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg bil-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Illi matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer Carmen Borg, inkluz kull direttivi li hi thoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer Carmen Borg skond d-direttivi li din taghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer Carmen Borg tkun trid hekk, jircievi zjarat taghha fid-dar tieghu;**
**3. Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer Carmen Borg b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer Carmen Borg kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer Carmen Borg bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi moghtija minnufih lil imputat probationer JONATHAN JOSEPH BRIFFA kif wkoll tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Borg skond s-sub artikolu 6 tal-artikolu 5 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------